C/2025/768

11.2.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Id-demokrazija fl-Afrika — is-sitwazzjoni attwali u perspettivi futuri. Xi rwol għandu l-KESE?

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2025/768)

Relatur: **Carlos Manuel TRINDADE**

Konsulent	Paulo Pedroso
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	18.1.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	12.11.2024
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	4.12.2024
Sessjoni plenarja Nru	592
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	167/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jemmen li d-demokrazija tfisser ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, istituzzjonijiet b'saħħithom, is-separazzjoni tal-poter, il-garanzija tal-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, elezzjonijiet ħielsa u ġusti, ir-responsabbiltà lejn iċ-ċittadini, id-dritt għal parteċipazzjoni sħiħa u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi u jaqbel mal-fehma tan-Nazzjonijiet Uniti li eżerċizzju tas-setgħa b'tali mod li tiġi rispettata r-rieda tal-poplu huwa element essenzjali tal-kunċett ġenerali tad-demokrazija, kif espress fil-preambolu tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, iffirmata f'isem "aħna, il-popli", u kif segwit permezz tal-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi. Dan jistabbilixxi d-dritt tal-popli għall-awtodeterminazzjoni u jirrikjedi li lill-Istati jipproteġu d-drittijiet ċivili u politiċi tal-persuni kollha fit-territorju tagħhom u li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tar-razza, il-kulur, il-ġeneru, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew ta' kwalunkwe tip ieħor, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-istat tal-proprjetà, it-twelid jew kwalunkwe status ieħor.

1.3. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li, fl-oqsma kollha ta' attività tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha tippromovi l-prinċipji li ġejjin:

— id-drittijiet tal-bniedem, kif minquxa fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948) tan-Nazzjonijiet Uniti;

— il-valuri tal-Unjoni Ewropea, minquxa fid-dispożizzjoni li tinsab fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2000/C-364/01) u fit-Trattati tal-UE;

— il-konformità mal-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).

1.4. Il-KESE japprezza u jilqa' l-appoġġ tal-Unjoni Afrikana għall-valuri demokratiċi, kif espress fl-Att Kostituttiv tagħha, jiġifieri li jiġu promossi l-prinċipji u l-istituzzjonijiet demokratiċi, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-governanza tajba, kif ukoll li jiġu promossi u protetti d-drittijiet tal-bniedem u tal-popli, f'konformità mal-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u strumenti rilevanti oħra tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kumitat jilqa' wkoll l-impenn tal-Unjoni Afrikana li tippromovi d-demokrazija, kif stabbilit fil-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza. Huwa jinnota b'sodisfazzjon li, fl-aspirazzjonijiet tagħha, l-Aġenda 2063 tal-Unjoni Afrikana tenfasizza ħafna l-impenji relatati mal-governanza tajba, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt.

1.5. Il-KESE jilqa' l-iżviluppi relatati mad-demokrazija fl-Afrika u huwa kuntent bl-impenn taċ-ċittadini Afrikani għal dan l-iżvilupp u bl-appoġġ tal-poplu għad-demokrazija, li huwa usa' f'dan il-kontinent milli f'ħafna partijiet oħra tad-dinja, minkejja li dan l-appoġġ naqas matul dawn l-aħħar għaxar snin.

1.6. Madankollu, il-KESE jinnota li, f'ħafna pajjiżi Afrikani, ir-rwol tal-parlamenti jrid jissaħħaħ u jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku fil-funzjonament tad-demokrazija.

1.7. Fid-dawl tal-korrelazzjoni mill-qrib bejn il-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà, it-tkabbir ekonomiku, il-progress soċjali u d-demokrazija, il-KESE jilqa' r-rwol importanti tal-Unjoni Afrikana fil-promozzjoni ta' din il-konnessjoni fl-istadji kollha tal-proċess ta' żvilupp demokratiku u jfakkar li l-istituzzjonijiet supranazzjonali ma jistgħux jiffunzjonaw b'mod effettiv mingħajr il-kooperazzjoni u l-impenn sħiħ tal-Istati Membri u l-mexxejja politiċi tagħhom. Jemmen ukoll li sabiex l-Unjoni Afrikana twettaq il-missjoni tagħha b'mod aktar effettiv, huwa assolutament essenzjali li jissaħħaħ l-impenn tal-Istati Afrikani fir-rigward tal-Unjoni Afrikana u li tiżdied il-kooperazzjoni bejniethom.

1.8. Il-KESE jagħraf li d-deċentralizzazzjoni tal-poter hija sfida li tinvolvi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u t-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali, u jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkooperaw aktar bil-għan li jiżviluppaw id-demokrazija u jżidu l-fiduċja u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

1.9. Il-KESE jqis li, fir-rigward tal-appoġġ għall-iżvilupp tad-demokrazija fl-Afrika, l-approċċ Ewropew għandu jkun ibbażat fuq relazzjoni bejn partijiet ugwali u jqis il-kumplessità tas-sitwazzjoni fl-Afrika fir-rigward tal-iżvilupp ekonomiku, il-progress soċjali, il-livell ta' żvilupp tal-infrastruttura kritika, id-diversità u l-interessi ġeopolitiċi u strateġiċi, u fl-istess ħin jirrispetta l-qafas għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-kontinent Afrikan.

1.10. Il-KESE jqis li l-Unjoni Ewropea ma tatx biżżejjed attenzjoni lir-rwol ġeopolitiku tal-Afrika. Dan huwa dovut għall-imġiba imprudenti ta' ċerti Stati Membri u, b'konsegwenza, għad-dgħufijiet fil-politika esterna komuni, tal-UE, sitwazzjoni li huwa tal-akbar importanza li titreġġa' lura.

1.11. Il-KESE huwa konxju li, f'termini ta' żvilupp demokratiku, l-Afrika qed tiffaċċja theddid, kemm intern kif ukoll estern, peress li, esternament, qed jikber ir-rwol ta' setgħat li mhumiex interessati fit-tisħiħ tad-demokrazija u, internament, qed tiżdied il-vulnerabbiltà għall-korruzzjoni, li hija attribwibbli għall-imġiba kemm ta' dawk li jwettquha kif ukoll ta' dawk li jaqgħu għaliha.

1.12. Il-KESE jemmen li, f'dan il-kuntest, l-istrateġija Global Gateway, li tnediet fl-2021, hija importanti ħafna għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Afrika, u jtenni, kif qal fl-Opinjoni dwar din l-istrateġija ([1]) li, permezz ta' din l-inizjattiva, l-UE ser issaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi u politiċi mal-pajjiżi msieħba tal-UE, billi tiżgura r-rispett tal-prinċipji demokratiċi u soċjali tagħha u, fl-istess ħin, tikkompeti b'mod effettiv globalment għall-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura. Itenni wkoll li l-programmi ta' investiment ta' din l-istrateġija għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet tal-impatt u għandhom iqisu aspetti relatati mal-isfidi ġeopolitiċi u strateġiċi, il-parteċipazzjoni demokratika u s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-proġetti.

1.13. Il-KESE huwa konvint li, flimkien mar-rappreżentanti rikonoxxuti tas-soċjetà ċivili Afrikana, kemm jekk huma pjattaformi, fora, voluntiera, kif ukoll jekk huma imsieħba soċjali tal-kontinent, jista' jgħin fil-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, jiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u jgħin biex jappoġġja r-reġimi demokratiċi, billi jibbaża fuq il-Ftehim ta' Samoa.

([1]) ĠU C, C/2024/1574, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1574/oj.

1.14. Fid-dawl tal-Ftehim ta' Samoa, li jipprevedi mekkaniżmi istituzzjonali li jipprovdu spazju strutturat għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili permezz tad-djalogu ċivili u soċjali, u fid-dawl tal-għarfien u l-għarfien espert li l-KESE kiseb matul is-snin u b'kunsiderazzjoni adatta għall-awtonomija tal-partijiet ikkonċernati, il-Kumitat jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għal kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili Afrikana bil-għan li din twettaq il-missjoni tagħha għat-tkabbir ekonomiku, il-progress soċjali u l-iżvilupp tad-demokrazija fl-Afrika. Il-KESE jfakkar li, bħala parti mill-intervent immirat imwettaq mill-Kumitat ta' Segwitu UE-AKP, huwa kiseb esperjenza konsiderevoli fir-relazzjonijiet mal-Afrika matul dawn l-aħħar 20 sena, bis-saħħa tad-diversi inizjattivi li nieda u d-diversi missjonijiet imwettqa f'diversi Stati Afrikani, u li din l-esperjenza għandha tiġi ppreservata, titkompla u tiġi promossa. Permezz ta' din l-azzjoni, il-Kumitat u l-imsieħba Afrikani tiegħu għandhom potenzjal siewi biex jgħinu jippromovu d-djalogu ċivili, soċjali u politiku u jagħtu spinta lis-soċjetajiet ċivili Afrikani, inkluż billi jissaħħu l-imsieħba soċjali.

1.15. Il-KESE jtenni bil-qawwa r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi strumenti finanzjarji biex tappoġġja programmi, abbozzi ta' studji u analiżijiet ta' prospettiva dwar ir-realtajiet konkreti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fl-Istati AKP, u, fil-każ tal-Afrika, billi tiżgura li jitqiesu l-ħtiġijiet tagħhom f'termini tal-kisba tal-ħiliet meħtieġa biex jaqdu rwol ewlieni, is-soliditá teknika tagħhom u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi istituzzjonali kif previst.

1.16. Fl-ambitu tal-mandat tiegħu, il-KESE se jkompli jtejjeb l-isforzi tiegħu biex jippromovi u jappoġġja l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Afrikani u l-imsieħba soċjali billi jgħinhom jistabbilixxu u jorganizzaw ruħhom u jaġixxu, u se jipparteċipa fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tagħhom, bil-għan li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-UE li żżid ir-reżiljenza tad-demokrazija fl-Afrika.

1.17. Fl-azzjoni tiegħu, il-KESE se jimxi mal-prinċipju gwida li l-promozzjoni tad-drittijiet ċivili, politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali hija marbuta b'mod inseparabbli mat-tkabbir ekonomiku u l-progress soċjali. Għalkemm dawn huma kwistjonijiet sensittivi f'ċerti pajjiżi Afrikani, il-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-orjentazzjoni sesswali huma parti integrali minn kultura demokratika, u, fis-sħubija tagħha mal-Afrika, l-Unjoni Ewropea għandha tinkoraġġixxi żviluppi f'dan il-qasam, mentri żżomm f'moħħha li l-proċess tal-approprazzjoni kulturali ta' tipi ġodda ta' relazzjonijiet mill-popolazzjoni kollha jieħu ż-żmien u jsir b'mod gradwali.

1.18. Il-KESE jilqa' li fis-17 ta' Lulju 2024 ffirma Memorandum ta' Qbil mal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Kulturali (ECOSOCC) tal-Unjoni Afrikana li, fil-fehma tiegħu, huwa ta' importanza kbira għat-tisħiħ tal-kontributi tas-soċjetà ċivili għas-sħubija bejn l-Ewropa u l-Afrika.

2. **Kummenti ġenerali dwar il-valuri demokratiċi komuni**

2.1. Il-miżuri biex tinbena d-demokrazija u biex tissaħħaħ permezz tal-kooperazzjoni għandhom dimensjoni politika, iżda għandhom ukoll komponent b'saħħtu tad-djalogu ċivili u soċjali u jinvolvu l-ħolqien ta' istituzzjonijiet adegwati għall-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet u movimenti ħielsa u indipendenti tas-soċjetà ċivili, kif ukoll djalogu soċjali bejn l-imsieħba soċjali.

2.2. Hemm rabta integrali u indissolubbli bejn ambjent demokratiku, minn naħa waħda, u t-tkabbir ekonomiku, is-sostenibbiltà ambjentali u l-progress soċjali, min-naħa l-oħra, li jirriflettu u jipperpetwaw lil xulxin.

2.3. L-implimentazzjoni ta' politiki pubbliċi adatti u l-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet demokratiċi huma elementi essenzjali tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini. Din il-fiduċja fl-istituzzjonijiet hija assi diffiċli biex tinżamm u, ladarba tintilef, tieħu ħafna żmien biex terġa' tinkiseb.

2.4. F'dan il-kuntest, il-KESE jtenni li d-drittijiet universali tal-bniedem, bħad-drittijiet fundamentali tax-xogħol, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal ambjent b'saħħtu u l-istat tad-dritt, huma valuri komuni ewlenin. Flimkien mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), dawn jiffurmaw standard minimu, stabbilit bi qbil komuni fil-livell internazzjonali, għall-programmi ta' żvilupp, u jiffurmaw il-bażi għal sħubija bejn partijiet ugwali għall-iżvilupp ([2]).

([2]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 105.

2.5. Hemm theddid serju għad-demokrazija globalment. Il-KESE jaqbel mal-Parlament Ewropew li l-UE jeħtiġilha tkun preparata bis-sħiħ biex tiġġieled l-influwenza dejjem akbar u malizzjuża tal-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-estremiżmu, kif ukoll it-theddid għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-attakki dejjem akbar fuq l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-dritt umanitarju internazzjonali ([3]). Huwa jenfasizza wkoll li l-korruzzjoni hija theddida għad-demokrazija u li jeħtieġ li tiġi miġġielda.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. ***Ir-realtà attwali fl-Afrika***

3.1.1. Internament, il-kontinent Afrikan huwa eteroġenju ħafna, u jinkludi pajjiżi b'livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku, b'istituzzjonijiet politiċi differenti kif ukoll bi sfidi ekonomiċi, soċjali u politiċi differenti, anke jekk huma parti minn qafas komuni ta' nazzjonijiet li nibtu minn proċessi ta' dekolonizzazzjoni. Id-dinamika demokratika fil-kontinent hija differenti, mingħajr xejra jew tendenza uniformi la fiċ-ċirkostanzi attwali tiegħu u lanqas fis-sitwazzjoni inizjali tiegħu. Sar progress sinifikanti f'ċerti pajjiżi jew reġjuni li żviluppaw demokraziji reżiljenti, iżda f'oħrajn kien hemm rigressjoni, xi drabi sinifikanti.

3.1.2. Fid-dinja kollha, l-asserzjoni tad-demokrazija hija proċess li huwa relatat mal-iżvilupp u d-distribuzzjoni tal-ġid. Fil-każ partikolari tal-Afrika, huwa importanti li, b'mod parallel mal-promozzjoni tad-demokrazija u l-istituzzjonijiet demokratiċi, jiġu indirizzati d-distakk fl-iżvilupp u n-nuqqasijiet f'din id-distribuzzjoni tal-ġid.

3.1.3. Skont l-Afrobarometru, iċ-ċittadini Afrikani jimpenjaw ruħhom favur id-demokrazija, ir-responsabbiltà tal-atturi politiċi u l-istat tad-dritt u, għalkemm ħafna minnhom jemmnu li pajjiżhom huwa demokrazija, mhumiex sodisfatti bil-livell demokratiku tiegħu ([4]). L-appoġġ tal-popolazzjoni għad-demokrazija huwa akbar fl-Afrika milli f'partijiet oħra tad-dinja, għalkemm naqas matul dawn l-aħħar għaxar snin; l-istess kif ġara f'pajjiżi oħra, u l-eżerċitar tal-poter mill-militar sar aktar aċċettat ([5]).

3.1.4. F'bosta pajjiżi Afrikani, il-perċezzjoni hi li l-prestazzjoni nazzjonali hija taħt il-medja globali f'oqsma tant importanti bħan-nuqqas ta' korruzzjoni, il-ħtieġa għall-infurzar tal-liġi, l-indipendenza ġudizzjarja, elezzjonijiet affidabbli, u saħħanstira l-preżenza ta' awtoritajiet eletti ([6]).

3.1.5. L-Afrika tbati minn nuqqasijiet profondi fil-qasam tal-infrastruttura kritika, li hija essenzjali biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari fis-settur tal-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni. Is-sħubija bejn l-Ewropa u l-Afrika jrid ikollha rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' din l-infrastruttura.

3.1.6. Id-dibattitu dwar kif tista' tissaħħaħ id-demokrazija fl-Afrika għadu miftuħ, u jvarja bejn ix-xejriet li jippromovu l-implimentazzjoni tal-mudell tad-demokrazija tal-Punent u Ewro-Amerikana u l-viżjonijiet li jqisu li d-dibattitu għandu jiġi adattat jew li għandu jiġi stabbilit dibattitu speċifikament għall-Afrika, ibbażat fuq bażi komunitarja u parteċipattiva. Fi kwalunkwe każ, id-demokrazija għandha l-karatteristiċi ġenerali inerenti tagħha, jiġifieri l-libertà, il-libertà tal-espressjoni, l-istat tad-dritt u s-separazzjoni tas-setgħat, il-vuċi u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-iżvilupp tal-bniedem.

3.1.7. Il-KESE jirrikonoxxi u japprezza l-isforzi konsiderevoli li l-Afrikani għamlu biex jibnu istituzzjonijiet demokratiċi mill-mewġa ta' demokratizzazzjoni tad-disgħinijiet 'il hawn. Għalkemm ġew organizzati elezzjonijiet multipartitiċi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fil-kontinent, jeħtieġ li jissaħħaħ ir-rwol tal-parlamenti u li tiżdied il-fiduċja pubblika fil-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi nazzjonali.

([3]) RAPPORT dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023, punt 3.

([4]) Zamfir, Ionel, *EU support to democracy and good governance in Africa* (Appoġġ tal-UE għad-demokrazija u l-governanza tajba fl-Afrika – mhux disponibbli bil-Malti), nota ta' informazzjoni tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Novembru 2017.

([5]) Afrobarometru, *African insights 2024: Democracy at risk – the people's perspective* (Perspettivi Afrikani 2024 – Id-demokrazija f'periklu: il-perspettiva tal-popolazzjoni – mhux disponibbli bil-Malti).

([6]) International Institute for Democracy and Electoral Assistance (International IDEA), *The Global State of Democracy Indices* (Indiċijiet dwar l-Istat Globali tad-Demokrazija – mhux disponibbli bil-Malti), verżjoni nru 7. 1, 2003. Data ppreżentata minn A. Sharamo waqt is-seduta organizzata mill-KESE b'rabta mat-tħejjija ta' din l-Opinjoni.

3.1.8. L-Unjoni Afrikana inkludiet il-governanza tajba, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt fl-Aġenda 2063 tagħha.

3.1.9. Din il-governanza tajba hija soġġetta għal mekkaniżmu ta' evalwazzjoni bejn il-pari, li l-KESE jilqa' tajjeb u jenfasizza l-importanza tiegħu. Huwa mekkaniżmu volontarju u purament Afrikan li jivvaluta l-governanza u jivverifika l-konformità mal-impenji Afrikani u internazzjonali, b'mod partikolari fl-oqsma tad-demokrazija u l-governanza politika u ekonomika, id-demokrazija tan-negozju u l-iżvilupp soċjoekonomiku, billi jipproduċi rapporti pubbliċi u jfassal programmi ta' azzjoni nazzjonali. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Istati Afrikani bnew dan il-mekkaniżmu u jistedinhom ikomplu jimplimentawh.

3.1.10. L-Ewropa jista' jkollha rwol bħala msieħba fil-bini ta' mudelli demokratiċi Afrikani li jissodisfaw l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari taż-żgħażagħ.

3.1.11. Il-promozzjoni ta' xogħol deċenti hija marbuta b'mod inseparabbli mal-iżvilupp demokratiku. Huwa importanti li l-UE u l-Afrika jippromovu l-iżvilupp ta' standards u strumenti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), inklużi b'mod partikolari l-konvenzjonijiet fundamentali tagħha.

3.1.12. In-natura informali tal-ekonomija privata, li tipprevali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Afrikani, iddgħajjef il-kompetizzjoni ġusta u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal-livelli għoljin ta' nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg, faqar u vulnerabbiltà soċjali, u tinfluwenza s-soċjetà nnifisha u r-relazzjonijiet. Il-formalizzazzjoni tal-attività ekonomika ssaħħaħ l-awtonomija tas-soċjetà ċivili kif ukoll il-fiduċja reċiproka bejn iċ-ċittadini, l-atturi ekonomiċi u l-Istat. Għal din ir-raġuni, il-KESE jappella għall-implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni 204 tal-ILO dwar it-tranżizzjoni mill-ekonomija informali għal dik formali ([7]).

3.1.13. Il-predominanza tal-ekonomija informali, l-iskarsezza tas-setturi ekonomiċi moderni u l-problemi li jirriżultaw fir-relazzjonijiet bejn l-istat u ċ-ċittadini jfissru li dawn il-pajjiżi jinsabu f'riskju li jaggravaw l-inugwaljanzi soċjali u jsibuha diffiċli li jieħdu vantaġġ mid-dividend demografiku, li jiftaħ opportunitajiet siewja għaż-żgħażagħ Afrikani, u b'hekk jaggravaw ir-riskju ta' ċirku vizzjuż li jagħmel ħsara lill-iżvilupp tad-demokrazija.

3.1.14. Il-kwistjonijiet ta' tħassib huma riflessi f'għadd ta' analiżijiet iddedikati għall-iżvilupp tad-demokrazija Afrikana. Skont is-sinteżi ta' rapport ta' riċerka tal-Parlament Ewropew li tfassal fl-2017, l-iżvilupp demokratiku tal-kontinent huwa mxekkel minn xejriet osservati f'diversi pajjiżi tal-kontinent iżda mhux fil-pajjiżi kollha, jiġifieri li l-kwalità tal-elezzjonijiet għadha dgħajfa, li l-partiti dominanti qed jiggranfaw sew mal-poter, li l-elezzjonijiet huma manipulati u frodulenti, u li l-kontroll fuq il-media u l-ġudikatura ħonqu l-oppożizzjoni. F'dan il-kuntest, il-KESE jtenni mill-ġdid l-importanza tal-kredibbiltà tal-proċessi elettorali u l-effettività tal-missjonijiet ta' osservazzjoni.

3.1.15. Il-konċentrazzjoni tal-poter toħloq bażi favorevoli għall-kolpi ta' stat, filwaqt li d-deċentralizzazzjoni tagħhom tiftaħ il-possibbiltà li l-proċessi demokratiċi jsiru aktar inklużivi u li tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

3.1.16. F'dawn l-aħħar snin, il-kolpi ta' stat u t-tentattivi ta' kolp ta' stat saħansitra żdiedu, u dan jindika xejra li jeħtieġ li tinftiehem u titqies fl-azzjonijiet li l-istituzzjonijiet tal-UE se jwettqu fil-futur.

3.1.17. Fl-Afrika, it-tranżizzjoni għad-demokrazija hija mxekkla minn ħafna problemi, spiss interrelatati:

— il-pajjiżi bi gvernijiet instabbli għandhom ukoll prestazzjoni pjuttost baxxa f'termini ta' żvilupp soċjali u ekonomiku;

— minħabba l-preżenza fit-tul tal-militar fil-gvern, in-nies spiss jaħsbu li tranżizzjoni demokratika mhux vjolenti hija impossibbli;

— atturi barranin li jikkontribwixxu għad-diżinformazzjoni;

— peress li huma vulnerabbli għall-korruzzjoni, l-istituzzjonijiet politiċi, l-ekonomija u s-soċjetà huma soġġetti għal distorsjonijiet;

— l-ispazju tas-soċjetà ċivili qed jiċkien.

([7]) Rakkomandazzjoni approvata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol matul il-104 sessjoni tagħha, li saret fit-12 ta' Ġunju 2015 f'Ġinevra: ara https://www.ilo.org/resource/ilc/104/recommendation-no-204-concerning-transition-informal-formal-economy.

3.2. ***L-Afrika u l-ġeopolitika globali***

3.2.1. L-UE għadha l-imsieħeb ewlieni tal-Afrika fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-investiment u l-kummerċ.

3.2.2. Madankollu, f'għajnejn ħafna atturi Afrikani, kemm mis-settur governattiv kif ukoll mis-soċjetà ċivili, l-approċċ tal-UE lejn l-Afrika huwa burokratiku żżejjed. Din il-perċezzjoni jeħtieġ li tiġi kkoreġuta billi tiġi mħeġġa l-kapaċità tal-Unjoni li timmodula l-azzjoni tagħha skont l-ambjenti li fihom beħsiebha tiżviluppa l-kooperazzjoni.

3.2.3. Fl-2021, l-UE nediet strateġija ta' investiment ta' importanza partikolari għall-Afrika: il-Global Gateway. L-UE twieġħed li timmobilizza sa EUR 300 biljun f'investimenti bejn l-2021 u l-2027 biex tittejjeb l-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u l-konnessjonijiet tat-trasport, kif ukoll biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja. Sa EUR 150 biljun huma mobilizzati f'investimenti għall-kontinent Afrikan. Kif qal fl-Opinjoni tiegħu dwar din l-istrateġija ([8]), il-KESE:

— jafferma li l-Global Gateway ser issaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi u politiċi mal-pajjiżi msieħba tal-UE, u jiżgura r-rispett tal-prinċipji demokratiċi u soċjali tagħha, u fl-istess ħin li jippermetti lill-UE tikkompeti b'mod effettiv globalment għall-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura;

— jisħaq fuq l-importanza li l-programmi ta' investiment tal-Global Gateway jiġu bbażati fuq valutazzjonijiet tal-impatt, li għandhom ikopru mhux biss aspetti ta' importanza ġeopolitika u strateġika, iżda jiżguraw ukoll il-parteċipazzjoni demokratika f'inizjattivi ta' żvilupp fil-pajjiżi msieħba kif ukoll is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-proġetti.

3.2.4. Għalkemm is-settur privat Ewropew huwa determinat li jipparteċipa fil-proċess tal-iżvilupp ekonomiku fl-Afrika, għad hemm ostakli istituzzjonali sinifikanti f'termini tal-qafas legali u l-protezzjoni tal-investiment, problemi ta' korruzzjoni b'għeruq sodi fis-soċjetà minħabba n-nuqqas ta' ġudikatura indipendenti, u nuqqasijiet fl-iżvilupp, bħan-nuqqas ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol u n-nuqqas ta' infrastruttura, li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni.

3.2.5. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej u Afrikani biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bejn l-Ewropa u l-Afrika fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-effetti destabbilizzanti tagħha fuq l-ekonomiji u s-soċjetà.

3.2.6. Il-KESE jqis, u jiddispjaċih, li l-Unjoni Ewropea ilha tissottovaluta r-rwol ġeopolitiku u strateġiku tal-kontinent Afrikan. Din is-sitwazzjoni hija aggravata mill-istrateġiji imprudenti ta' ċerti stati Ewropej u, b'konsegwenza, mid-dgħufijiet fil-politika esterna komuni tal-UE. Il-ħidma mwettqa fir-reġjun minn ċerti pajjiżi mhux Ewropej ikkontribwiet b'mod sinifikanti għal din is-sitwazzjoni. Dan huwa l-każ tal-azzjoni destabbilizzanti tar-Russja, kif ukoll tal-investimenti massivi taċ-Ċina fl-istrateġija ġeopolitika tagħha għall-Afrika.

3.2.7. Ir-riskju ta' rigressjoni demokratika fil-kontinent Afrikan huwa aggravat mill-istrateġija internazzjonali taċ-Ċina, (implimentata permezz tal-Inizjattiva tagħha One Belt, One Road), u dik tar-Russja, li hija implimentata prinċipalment permezz ta' kumpaniji domestiċi, inklużi kumpaniji paramilitari, bħal Wagner.

3.2.8. Għall-kuntrarju tal-Unjoni Ewropea, dawn iż-żewġ pajjiżi ma jibbażawx il-politika internazzjonali tagħhom fuq valuri universali u għalhekk jingħataw l-istatus ta' msieħba privileġġati fir-relazzjonijiet tagħhom ma' reġimi awtokratiċi jew gvernijiet li daħlu għal impenji politiċi u/jew ekonomiċi fil-konfront tagħhom.

3.3. ***Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika***

3.3.1. L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tkun iggwidata mill-valuri li ispiraw il-pedamenti tagħha stess, b'mod partikolari d-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

([8]) ĠU C, C/2024/1574, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1574/oj.

3.3.2. Skont l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE, li tipprovdi qafas komprensiv fit-tul għar-relazzjonijiet bejn l-Afrika u l-UE, il-prinċipji li jiggwidaw is-sħubija tagħhom huma l-unità tal-Afrika, l-interdipendenza tagħha mal-Ewropa, is-sjieda u r-responsabbiltà konġunti, kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u d-dritt għall-iżvilupp.

3.3.3. Skont l-istrateġija msemmija hawn fuq, l-Unjoni Ewropea u l-Afrika jistgħu jaħdmu flimkien biex jaħtfu l-opportunitajiet, jindirizzaw l-isfidi u jiżviluppaw azzjonijiet li jiżguraw l-istabbiltà, il-paċi, is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-għajxien sostenibbli, tkabbir ekonomiku sostenibbli bbażat fuq ekosistemi b'saħħithom, il-koeżjoni soċjali u l-governanza tajba.

3.3.4. Huwa f'dan il-qafas ġenerali li l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) ikkonkludew il-Ftehim ta' Samoa f'Novembru 2023, li jappella għal sħubija bejn partijiet ugwali. Madankollu, jidher li fil-prattika l-istrutturi tal-imsieħeb Afrikan huma aktar fraġli, għandhom inqas ħiliet politiċi u mhumiex mogħnija b'riżorsi suffiċjenti. Ir-riżorsi disponibbli għall-OSAKP huma ħafna aktar baxxi minn dawk tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' din id-disparità, il-KESE jirrakkomanda li l-UE tiżviluppa mekkaniżmi li jibbilanċjaw mill-ġdid ir-relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet.

3.3.5. Il-KESE jemmen li biex il-Ftehim ta' Samoa jiġi implimentat kif suppost, ikun adatt li l-partijiet jaqblu dwar l-indikaturi tal-progress.

3.3.6. Il-Kunsens il-ġdid għall-Iżvilupp, approvat b'mod konġunt mill-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament u r-Rappreżentant Għoli f'Ġunju 2017, ipoġġi d-demokrazija fil-kuntest usa' tal-politiki tal-iżvilupp.

3.3.7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 jinkludu fost il-prijoritajiet tagħhom il-bini ta' soċjetajiet reżiljenti, inklużivi u demokratiċi u l-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

4. **Il-KESE u s-soċjetà ċivili Afrikana**

4.1. F'dan il-kuntest, il-mistoqsija ewlenija hija: kif jista' jikkontribwixxi l-KESE għall-promozzjoni tal-valuri demokratiċi u jgħin jiddefendi r-reġimi demokratiċi fl-Afrika, fid-dawl tal-Ftehim ta' Samoa u tas-Sħubija UE-Afrika?

4.2. Għandu jitqies ir-rwol tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku u l-ispazju mogħti lis-soċjetà ċivili fil-bini ta' demokraziji reżiljenti.

4.3. F'dan il-kuntest, il-KESE jtenni li r-rispett tad-drittijiet universali tal-bniedem, li huma valuri komuni fundamentali, għandu jkun il-bażi għal kwalunkwe impenn politiku fi sħubija għall-iżvilupp bejn partijiet ugwali mal-Afrika ([9]).

4.4. Il-KESE huwa konvint, kif qal fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Impetu mġedded għas-Sħubija bejn l-Afrika u l-UE", li, flimkien ma' rappreżentanti rikonoxxuti tas-soċjetà ċivili (pjattaforma, forum, voluntiera) u l-imsieħba soċjali fl-Afrika, huwa jista' jikkontribwixxi b'mod fundamentali għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem ([10]).

4.5. Il-qafas li għandu jitqies huwa l-Ftehim ta' Samoa u, b'mod partikolari, is-Sħubija UE-Afrika. Il-Ftehim jipprevedi l-eżistenza ta' mekkaniżmi istituzzjonali li jipprovdu spazju strutturat għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili permezz tad-djalogu ċivili u soċjali, proċess li fih ftehim KESE għandu esperjenza twila.

4.6. Il-Memorandum ta' Qbil iffirmat mill-KESE u mill-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Kulturali (ECOSOCC) tal-Unjoni Afrikana fis-17 ta' Lulju 2024 huwa pass importanti ħafna lejn it-tisħiħ ta' dan il-kontribut. Iż-żewġ istituzzjonijiet se jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, billi jaffermaw mill-ġdid is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea, jippromovu djalogu demokratiku mġedded u jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn is-soċjetà ċivili fl-Ewropa u l-Afrika fil-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, l-approfondiment tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-kisba tal-objettiv ta' żvilupp sostenibbli.

([9]) ĠU C 429, 11.12.2020, p. 105, punt 1.1.
([10]) ĠU C 237, 6.7.2018, p. 66, punt 1.4.

4.7. L-Istat u s-soċjetà ċivili jeħtiġilhom isaħħu lil xulxin, però fl-Afrika spiss jitqiesu bħala avversarji, u dawk fil-poter jakkużaw lis-soċjetà ċivili li qed tipprova tiddestabbilizzahom u tneħħihom mill-poter. L-alternanza b'saħħitha fil-quċċata tal-poter teħtieġ kontinwità istituzzjonali, li jeħtieġ li tissaħħaħ, billi jiġu ċċarati l-isferi ta' intervent speċifiċi għall-Istat u s-soċjetà ċivili, mingħajr ma tiġi eskluża konfrontazzjoni pożittiva fix-xena politika.

4.8. Is-soċjetà ċivili hija bbażata fuq inizjattivi taċ-ċittadini biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi soċjali u ambjentali li tħabbat wiċċha magħhom il-komunità. Dan l-ispirtu ta' inizjattiva jidher f'kull tip ta' forma strutturali u juri l-eżistenza ta' ambjent demokratiku li l-gvernijiet awtoritarji ma jaċċettawx u spiss jippruvaw jipprojbixxu.

4.9. Il-prinċipju ta' soċjetà ċivili b'saħħitha jiġi kkonsolidat flimkien mal-livell ta' żvilupp. F'ċerti pajjiżi, is-soċjetà ċivili hija organizzata fuq bażi etnika. Għandha tiġi promossa kultura li fi ħdanha s-soċjetà tkun ibbażata fuq iċ-ċittadinanza.

4.10. Kif diġà indikat fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi AKP, il-KESE għandu l-għan li jimplimenta l-mekkaniżmi istituzzjonali previsti u li jippromovi u jappoġġja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-imsieħba soċjali, billi jirrikonoxxi li dawn l-atturi għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 17 ([11]).

4.11. Il-KESE jemmen li l-kooperazzjoni mal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Kulturali tal-Unjoni Afrikana hija ta' importanza kbira sabiex tiġi stabbilita strateġija strutturata u jiġi żgurat li l-involviment tal-partijiet interessati fis-sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana jkun jista' jkompli.

4.12. Il-KESE se jżomm ukoll ir-relazzjonijiet tiegħu mal-Unjoni tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali Afrikani, permezz tal-preżenza reċiproka fl-avvenimenti rispettivi u l-parteċipazzjoni fi proġetti konġunti.

Brussell, l-4 ta' Diċembru 2024

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE

([11]) ĠU C 443, 22.11.2022, p. 29, punt 1.9.